**KUNSILL LOKALI IR-RABAT (KLR)**

**IS-SEBA’ LEĠIŻLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU ERBGĦA U DISGĦIN (94)**

**It-Tlieta, 9 ta’ April 2019 fis-7.00 pm** Data u ħin

**fl-Uffiċċji Amministrattivi f’nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **PREŻENTI:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi-Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolph Grima | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |

**ASSENTI B’APOLOĠIJA:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |

**ASSENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |

***** Il-laqgħa kienet ippreseduta mil-Viċi Sindku, is-Sra Doris Coleiro

**94.01 Qari tal-ittri ta’ apoloġija.** Qari tal-ittri ta’ apoloġija

Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-*sms* tas-Sindku li jinsab indispost u talab li jkun skużat. Il-KLR laqa' din it-talba u skużah b'mod unanimu.

**94.02 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti - Seduti Numri 92 u 93.**

Minuti 92 u 93

Kienu kkunsidrati u approvati b'vot unanimu l-minuti tas-seduti numru 92 u 93 (laqgħa li ma saritx minħabba nuqqas ta' Kworum) kif proposti minn mill-Viċi Sindku u ssekondati mis-Sur Peter Paul Azzopardi.

**94.03 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Kumitat Amministrattiv tal-Virtu tas-seduti numri 49, 50, 51, 52 u 53.**

Minuti 49, 50, 51, 52 u 53 tal-Kumitat Amministsrattiv tal-Virtu

Kienu kkunsidrati u approvati b'vot unanimu l-minuti tas-seduti numri 49, 50, 51, 52 u 53, tal-Kumitat Amministrattiv tal-Virtu kif proposti minn mill-Viċi Sindku u ssekondati mis-Sur Ian Vassallo.

**94.04 Komunikazzjoni mil-Viċi-Sindku**

Komunikazzjoni mil-Viċi Sindku

**94.04.01** Il-Viċi Sindku semmiet proposta biex issir *one way* parti minn Vjal il-Ħaddiem, quddiem il-*Housing Estate* t'Għajn Qajjet Blk D. Hija qalet illi din il-parti għandu jkun propost illi tkun *one way* 'il fuq, u 'l isfel jinżlu minn quddiem il-ħanut tal-Merċa 'Sims' u jduru maċ-Ċentru Għajn. Diversi kunsillieri qalu illi fil-parti ma' Triq Għajn Qajjet it-*trailers* u tal-Linja ma jikkwartjawx u ma jdurux. Is-SE qal illi fil-parti f'tarf Vjal il-Ħaddiem kien hemm proposta ta' *Traffic Lights.* Is-Sur Andrew Mallia qal illi ma jagħmilx sens li jitwaħħlu issa meta Triq Tabija se tinqala' biex issir mill-ġdid. Peress li mhux possibbli li din tinqala' qabel ma jintemmu x-xogħlijiet ta' Triq Ġorg Borg Olivier, it-talba lill-TM se ssir xorta mill-KLR.

Propost one way (f'parti minn) u *Traffic Lights* f'tarf Vjal il-Ħaddiem.

**94.04.02** Is-SE talab lill-kunsillieri sabiex jikkunsidraw talba li saret minn ħanut tal-pastizzi fi Triq San Pawl, biex fil-Ġimgħa Mqaddsa jarma l-imwejjed u s-siġġijiet quddiem ħanut tal-biedja. Il-kunsillieri ma kellhomx oġġezzjoni għaliex dan l-arranġament se jsir bil-kunsens ta' xulxin.

Imwejjed u Siġġijiet fi Triq San Pawl.

**94.05 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-kunsillieri

**94.05.01** Is-Sur Ian Vassallo semma' l-bżonn li toktor is-sigurta' fir-Rabat wara diversi serq u attentati li seħħew propju sa nhar is-Sibt 6 ta' April. Hu qal illi għandna ninsistu mal-Pulizija biex jagħmlu aktar rondi. Is-SE qal illi kien avviċinat minn

Sigurta' fir-Rabat, wara mewġa ta' serq u lampi tat-toroq

pulizija biex jieħu filmati mil-*cameras* tas-sigurta' filwaqt li l-kunsillieri qablu mas-Sur Vassallo biex issir bozza ġdida fi Triq Bir ir-Riebu u tinbidel dik eżistenti li ftit titfa' dawl viċin il-ħanut *Magpie* fl-istess triq. Għandna nagħmlu aktar insistenza biex titwaħħal dik ta' Triq Pierre Muscat kantuniera ma' Triq Santa Barbara li inqalgħet minn ma' faċċata ta' residenza dan l-aħħar, sabiex jitwaqqa' l-bini.

**94.05.02** Is-Sur Nazju Cassar, semma' l-bżonn li jinkesa' bil-membrane il-bejt tal-latrina pubblika fi Triq Santa Rita ħalli ma jidħolx aktar ilma tax-xita fiha. Ma' ġietx approvata l-istima li kienet provduta fil-*Works Orders' Schedule 9 item 30* u se jinġiebu aktar stimi.

*Membrane* fuq il-bejt tal-latrina pubblika.

**94.05.03** Is-Sur Andrew Mallia ppropona illi l-KLR japplika għal fondi Ewropej tal-*Green Ingrastructure.* Is-SE qal illi qed ikun propost il-Ġnien ta' Bir Iljun għas-sempliċi raġuni illi diġa' jeżistu stimi tal-perit li jridu jkunu modifikati biex ikunu ppreżentati lill-MEUSAC ħalli japplikaw f'isimna. Minn dawn l-istimi jridu jitħallew barra items li ma jaqgħux fl-iskop ta' din l-applikazzjoni, bħal reinstatement tal-latrina pubblika u l-playground.

Applikazzjoni tal-Local Action Group - Green Infrastructure

**94.05.04** Is-Sur Andrew Mallia semma' l-problema ta' Triq in-Nigra fejn hemm dar ħierġa 'l barra, u hemm bidwi ma jistax jidħol bit-*tractor* tiegħu minn fuq iċ-ċangaturi fil-ġenb tat-triq. Il-KLR se jara jistgħux jitbaxxew dawn is-*slabs* filwaqt li se naraw x'inhi l-fehma tal-membri tal-kumitat amministrattiv.

Nuqqas ta' aċċess għar-raba.

**94.05.05** Issemmiet id-*Despatchers' Room* fuq is-Saqqajja. Hawn intqal illi *Transport Malta* qalulna illi m'għandhomx x'jambuha. Fil-fatt is-SE talab lill-Perit sabiex jipprovdina b'applikazzjoni DNO tal-Awtorita' tal-Ippjanar biex inkunu nistgħu inwaqqgħuha. Intant il-KLR se jipprova jeħodha bid-devoluzzjoni biex din il-kamra tintuża bħala *meter room* għad-dwal tas-Saqqajja u ta' kull min ikun irid jorganizza xi attivita' fl-istess sit.

Dispatchers' Room

**94.05** **Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti 290, 291 u *Works Order 8 u 9.***

Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti 290, 291 u Works Orders 8 u 9.

Il-Kunsill approva dawn l-iskedi skont kif muri fuq il-kopja oriġinali.

**94.06** **L-uditjar għas-sena finanzjarja 2018.**

L-uditjar għas-sena 2018

Is-SE aġġorna lill-kunsillieri illi l-uditjar għas-sena 2018 għadu għaddej u huwa ttamat illi jiġi fi tmiemu fil-ġimgħa li tagħlaq il-Ġimgħa, 26 t'April. Għaldaqstant se jkollha tissejjaħ laqgħa tal-KLR matul dik il-ġimgħa biex indaħħlu l-*accounts* fil-ħin.

**94.18** **PA 9516/18 – Change of Use from 2 residences to Boutique Tourism Accomodation - 12, 13, Vjal Santu Wistin and 14 & 15, Is-Saqqajja, Rabat, Malta**

Zvilupp PA 9516/18

Is-Sur Rudolph Grima talab sabiex l-item 94.18 ikun eżawrit f'dan il-waqt peress li hu ma setax joqgħod sal-aħħar. Ian Vassallo issekonda u l-vot biex jitbiddel ix-xogħol tal-kamra għadda b'vot unanimu. Is-Sur Grima qal illi wara li saru pjanti ġodda mill-iżviluppaturi kien hemm 4000 oġġezzjoni. Hu qal illi hu m'għandu xejn kontra l-Boutique Hotels li minnhom hawn mhux ħażin ir-Rabat, iżda din hu iqisha bħala logħba illi l-iżviluppaturi japplikaw b'mod goff biex imbagħad inaqqsu mill-bini/*footprint* ħalli jagħtu impressjoni tajba. Hu qal illi l-fatt hu, li dan il-propost żvilupp imiss mal-bini eżistenti f'UCA f'zona residenzjali fejn il-bini hu ta' żewġ sulari. Hu qal illi jekk jingħata l-permess ir-residenti l-oħra se jkunu 'forced out' għaliex b'dan il-permess joħorġu oħrajn simili u jkun irrovinat Vjal Santu Wistin mill-att ta' estetika u anke fuq quddiem fil-parapetti sbieħ li hemm. Hu sostna illi se jżid problemi oħrajn bħal parkeġġi, skart, storbju ecc. Il-KLR iddeċieda li jieħu *stand* aktar iebsa fiċ-ċirkustanzi għaliex ir-residenti l-uniku refuġju tagħhom huwa l-KLR. Intant se nsostnu illi hemmhekk għandu jibqa bini residenzjali b'żewġ sulari. Hawn is-Sur Andrew Mallia semma' illi ma ġarax l-istess mil-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija għaliex l-iżvilupp hedded saħansitra l-karatteristika ta' raħal rurali f'sit ieħor differenti. Intant il-KLR ikkonkluda li jerġa' joġġezzjona għall-iżvilupp tas-Saqqajja fuq il-proposta tas-Sur Rudolf Grima li kienet issekondata mill-Viċi Sindku u kienet milqugħa mil-kunsillieri b'vot unanimu.

Is-Sur Rudolf Grima ħalla l-kamra fit-20.07pm

**94.07 L-approvazzjoni tal-Pjan Finanzjarju 2019-21 *(Business Plan).***

Business Plan 2019-21

Il-Viċi Sindku ipproponiet l-abbozz li kien provdut mal-aġenda u ssekonda is-Sur Nazju Cassar, u l-Pjan Finanzjarju għat-tliet snin kien approvat b'vot unanimu.

**94.08 Biex ikun estiż il-kuntratt RLC/T/0161/17 Provediment ta' Servizz għat-Tindif u Żamma ta' latrini pubbliċi fir-Rabat b'Miżuri li jħarsu l-Ambjent ta' Triq Bir Iljun, Triq Santa Rita u Triq il-Kulleġġ mill-4/12/18 sa 3/12/19. *(Progressive Solutions)***

Estenzjoni tal-kuntratt tal-latrini pubbliċi.

Il-Viċi Sindku ipproponiet u s-Sur Peter Paul Azzopardi issekonda filwaqt li l-kunsillieri qablu unanimament sabiex il-kuntratti tal-latrini pubbliċi fir-Rabat ta' Triq il-Kulleġġ u ta' Sant Rita jkunu estiżi, minbarra l-latrina ta' Triq Bir Iljun li kien hemm qbil li tingħalaq sakemm ikun inawgurat il-proġett tal-ġnien. Peter Paul Azzopardi qal illi jekk mhux se mmorru biex 'il quddiem il-latrini jiġu privatizzati u n-nies jibdew iħallsu, se nibqgħu insibu ħafna vandaliżmu fihom.

**94.09 Biex ikun estiż il-kuntratt RLC/T/0155/16 Knis Manwali, Tbattil u Tindif ta' Laned taż-Żibel, Doggy Bins u Ashtrays bl-Użu ta' materjal li ma jagħmilx ħsara lill-Ambjent. (Premier Business Ltd)**

Estenzjoni tal-kuntratt tal-knis

Dwar il-kuntratt tal-knis tat-toroq urbani kien deċiż illi jkun estiż il-kuntratt

eżistenti u aktar 'il quddiem ikun hemm *budget* ogħla ħalli jingħata servizz aħjar. Hawn intqal illi fil-passat il-kuntratt kien jagħmel sens li r-Rabat jinqasam f'4 zoni. Is-Sur Nazju Cassar qal illi tliet kenniesa mar-Rabat kollu mhux biżżejjed filwaqt li s-SE qal illi qed ikun kunsidrat servizz mekkanizzat.

**94.10 Biex ikun estiż il-Ftehim mar-Rabat Scouts Group iċ-Ċentru għall-Anzjani mill-1-1-19 sat-30-6-19**

Tiġdid tal-kuntratt tal-kiri tal-post tal-Iscouts

Is-Sra Doris Coleiro ressqet il-proposta u s-Sur Ian Vassallo issekonda. Il-KLR qabel b'vot unanimu illi dan ikun imġedded. F'dan il-waqt il-Viċi Sindku qalet illi qed ikun ikkunsidrat illi nżidu ġurnata oħra ta' użu fil-ġimgħa biex isir tagħlim tal-*crafts*. F'dan il-każ il-kuntratt irid ikun revedut. F'dan il-waqt xi kunsillieri qalu illi peress li għandna skola li qed jingħad illi mhux se sservi iżjed ta' skola, wieħed jikkunsidra illi dan it-tagħlim tal-*crafts* jew tal-*lifelong learning* isir f'post aktar dinjituż.

**94.11 Biex ikun estiż il-Ftehim tal-Garage tal-Kunsill (Termini ġodda u kirja aktar għolja).**

Tiġdid tal-kuntratt tal-kiri tal-garage tal-Kunsill.

Is-Sur Nazju Cassar ippropona u l-Viċi Sindku issekondat. Kien hemm qbil unanimu illi l-kirja mhux waħda għolja u għaldaqstant se jkun imġedded il-kuntratt. Dwar il-ħlasijiet tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma intqal illi dawn mhux se jkunu għoljin għaliex il-konsum se jkun wieħed baxx.

**94.12 Programm tal-Ħarġiet għall-Anzjani minn April sa Ġunju 2019**

Programm tal-Ħarġiet tal-Anzjani.

Il-Viċi Sindku ressqet din il-proposta li kienet issekondata minn Ian Vassallo. Il-programm tal-ħarġiet kif mgħoddi lill-kunsillieri mal-agenda kien approvat.

**94.13 Biex jinbidel il-*wording* tal-minuti tas-seduta 89.04.02 - Xogħlijiet ta' pavimentar.**

Bdil fil-wording tal-minuti seduta 89

Il-proposta tas-Sur Andrew Mallia kienet issekondata mis-Sur Nazju Cassar. Kien hemm qbil unanimu illi tiddaħħal l-emenda proposta li tagħmel referenza għal mozzjoni li kienet għaddiet aktar kmieni tul din il-leġislatura.

Emenda fil-Minuti li kienu approvati mill-Kunsill.

**94.14 Biex ikun ikkunsidrat ir-rapport tal-Bord ta' Evalwazzjoni tal-offerta pubblika tal-ġbir tal-iskart u tat-toroq rurali tal-bdiewa**.

Rapporti tal-Bord ta' Evalwazzjoni.

Il-KLR se jkun qed iġedded l-offerta eżistenti għal ġbir tal-iskart. L-offerta pubblika l-ġdida qed tiġi estiż b'xahrejn. Il-KLR hu mifni minn numru kbir ta' lmenti dwar nuqqas ta' ġbir tal-iskart minn fost ir-residenti Rabtin f'kull zona.

Kien ikkunsidrat ir-rapport tal-evalwaturi tal-offerta tal-asfaltar tat-toroq rurali: Triq ta' Landrijiet, Triq ta' Koronja u Triq tal-Imtaħleb. Il-Kunsill qabel unanimament illi l-kuntratt jingħata lill-*Bonnici Brothers Ltd.* Dan għaliex ix-

xogħol tiegħu mill-esperjenza li kellna kien wieħed sodisfaċenti.

**94.15 Possibilita' biex jiżdiedu l-kontenituri tal-ħwejjeġ użati.** Kontenituri tal-ħwejjeġ użati.

Il-Kunsill ma ħax deċiżjoni fuq din il-materja għaliex kien komunikat bl-*e-mails* illi s-servizz bidel l-idejn. Sadanittant il-kaxxa l-blu li hemm fi Triq Rudolf Saliba se tibqa' fejn hi.

**94.16 SPI 3/2019 - Applikazzjoni għaż-żamma fi stat tajjeb tal-proġetti li wettaq il-Gvern Ċentrali fl-2017 u l-2018 - Bandli tal-Baħrija.** Manutenzjoni ta' proġetti mwettqa mill-Gvern Ċentrali.

Il-KLR se jkun qed japplika għall-manutenzjoni tal-proġett viċin il-bandli tal-Baħrija peress li dan kien konkluż ftit tax-xhur ilu mil-Gvern Ċentrali. Dwar proposta oħra li ninkludu wkoll il-ġnien ta'quddiem il-Knisja ta' San Duminku, wieħed irid jara jekk jikkwalifikax peress li ilu ftit mhux ħażin.

**94.17 Propost ftehim dwar il-GDPR mill-*Consultancy and Support Services*.** Data Protection Officer

Il-Kunsill ma approvax il-proposta ta' *Boom Services ltd* u se naraw jekk noħorġux l-offerta pubblika u/jew nieħdu s-servizz ta' *Data Protection Officer* b'*direct order.*

**94.19 Tmiem il-laqgħa u data u l-ħin tas-seduta li jmiss..** Aġġornament.

Il-KLR aġġorna fid-20.40 u se jsejjaħ il-laqgħa tiegħu fil-ġimgħa li tispiċċa fis-26 ta' April skont kif ordnati mill-Awditur, preferibbilment it-Tlieta, 23 t'April jekk ikunu għandna l-accounts uditjati sa dak in-nhar.

| | (IFFIRMATA) | | (IFFIRMATA) |
|---|---|---|---|
| Magħmula minn | Anthony Bonello u approvati llum | minn | Sr Doris Coleiro |
| | Segretarju Eżekuttiv | | Deputat Sindku |